A.L. 9 ta' l-2005

ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA (KAP. 332)

Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu mill-artikolu 32 ta' l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, il-Ministru għall-Iżvilupp Urban u Toroq, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1982 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet), hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L.14 ta' l-1982.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2005.

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali -

(a) minflok il-paragrafu 2 għandu jidħol dan li ġej:

"Tfal bejn l-età ta' 3 snin u 10 snin iħallsu biss nol ta' 10 ċenteżmi meta jkunu qegħdin jivvjaġġaw tul ta' *Fare Stage* wieħed u nol ta' 15-il ċenteżmu meta jkunu qegħdin jivvjaġġaw fiż-Żoni stabbiliti fit-Taqsima 1B li tinsab fl-Iskeda u jkollhom dritt joqogħdu bilqiegħda f'post.";

(b) fis-subparagrafu 3(1)(a), wara l-kliem "stabbilimenti oħra magħrufa ta' edukazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "li ma jikkwalifikawx għall-għotjiet ta' manteniment għal studenti mogħtija skond ir-Regolamenti ta' l-1999 dwar Għotjiet ta' Manteniment għal Studenti Post Sekondarji u Terzjarji"; A.L. 165 ta' l-1999.

(ċ) fit-test Ingliż tal-paragrafu 7, minflok il-kelma "gasses" għandha tidħol il-kelma "passes";

(d) fil-paragrafu 9, minflok il-kliem "Taqsima 1E" għandhom jidħlu l-kliem "Taqsima 1E, Taqsima 1F u Taqsima 1:";

(e) fil-paragrafu 10, minflok il-kliem "għandu jkun biss ta' 20 ċenteżmu." għandhom jidħlu l-kliem "għandu jkun skond it-Taqsima 1E li tinsab f'din l-Iskeda.";

(f) minflok il-paragrafu 12 għandu jidħol dan li ġej:

"12. Il-persuni li għandhom il-kartanzjan iħallsu nol ta' 10 ċenteżmi biss meta jkunu qegħdin jivvjaġġaw fiż-Żoni msemmija fit-Taqsima 1B li tinsab f'din l-Iskeda.";

(ġ) minflok it-Taqsima 1 Ċ, it-Taqsima 1 D, it-Taqsima 1 E u l-Appendiċi għandu jidħol dan li ġej:

"TAQSIMA 1 Ċ

Servizzi *Express*

Nolijiet

1.	Buġibba saċ-Ċirkewwa jew lura (Rotta 48)	50ċ
2.	Buġibba sar-Rabat jew lura (Rotta 86)	50ċ
3.	Buġibba sa Għajn Tuffieħa jew lura (Rotta 51)	50ċ
4.	Sliema sa Buġibba jew lura (Rotta 70)	50ċ
5.	Sliema sar-Rabat jew lura (Rotta 65)*	50ċ
6.	Sliema sa Buġibba sa Għajn Tuffieħa jew lura (Rotta 652)	50ċ
7.	Valletta sa Buġibba via Triq Reġjonali/Kosta (Rotta 449)	50ċ
8.	Buġibba sa Marsaxlokk via Tas-Sliema jew lura (Rotta 627)	50ċ
9.	Buġibba sa Marsaxlokk via t-Tlett Ibliet jew lura (Rotta 427)	50ċ
10.	Ċirkewwa sa Valletta via Birkirkara *Bypass* (Rotta 453)**	50ċ
11.	Ċirkewwa sa Valletta via Birkirkara *Bypass* u l-Isptar San Luqa (Rotta 475)**	50ċ
12.	Tfal bejn l-età ta' 3 snin sa 10 snin li jivvjaġġaw fuq dawn ir-rotot	25ċ

* Passiġġieri li jivvjaġġaw bejn Tas-Sliema u Taż-Żwejt jew lura, iħallsu nol ta' 20ċ jekk adulti, 15ċ jekk il-passiġġieri huma tfal bejn it-3 snin u l-10 snin, u 10ċ jekk il-passiġġieri għandhom il-kartanzjan.

** Studenti Għawdxin fil-pussess ta' *pass* speċjali maħruġ mill-Ministeru responsabbli għal Għawdex iħallsu nol ta' 40ċ.

TAQSIMA 1D

Servizzi *Express* ta' Tmiem il-Ġimgħa u Btajjel Pubbliċi

PACEVILLE
Sa jew lura

Ħ'Attard	50ċ
Birkirkara	50ċ
Birżebbuġa	50ċ
Bormla	50ċ
Ħal Għargħur	50ċ
Il-Gudja	50ċ
Ħal Għaxaq	50ċ
Il-Kalkara	50ċ
Il-Mosta	50ċ
In-Naxxar	50ċ
Ir-Rabat	50ċ
Is-Siġġiewi	50ċ
Vittoriosa	50ċ
Ħaż-Żebbuġ	50ċ
Iż-Żejtun	50ċ
Iż-Żurrieq	50ċ
Ħaż-Żabbar	50ċ

Valletta lejn Paceville via Triq Reġjonali (Rotta 662) ……25ċ
Valletta lejn Paceville jew lura (Rotta 62) wara l-11 p.m. ……50ċ

TAQSIMA 1E

Servizzi speċjali għall-Fiera Kummerċjali ta' Malta u servizzi speċjali oħra

In-nolijiet li għandhom jinġabru mingħand passiġġieri fis- servizzi speċjali tal-karrozzi tal-linja għall-Fiera Kummerċjali ta' Malta fin-Naxxar u servizzi speċjali oħra għandhom ikunu dawk hawn stipulati:

Nolijiet

Sal-FIERA KUMMERĊJALI jew lura*

Valletta	25ċ
Tal-Pietà	25ċ
L-Imsida (Pjazza Palma)	25ċ
L-Imsida (Villa Flery)	25ċ
Birkirkara	25ċ
Ċimiterju ta' Ħal Lija	25ċ
Ħal Lija (Ta' Sgħajtar)	20ċ

SERVIZZI SPEĊJALI OĦRA*

Mill-belt Valletta lejn Ta' Qali, lejn il-wirja ta' l-ajru, lejn *open day* fil-Port Ħieles u oħrajn jew lura ……25ċ

* Tfal bejn l-età ta' 3 snin u 10 snin iħallsu 15-il ċenteżmu.

TAQSIMA 1F

Servizzi Ċirkulari Diretti

Servizzi Ċirkulari Diretti huma dawk it-traġitti diretti li joperaw minn diversi vened lejn San Ġiljan/Tas-Sliema via Tal-Qroqq jew lura.

Għal kull traġitt mill-venda lejn San Ġiljan jew lura ……35ċ

Iżda n-nol li għandu jitħallas minn tfal ta' bejn 3 snin u 10 snin hu għal dawn it-traġitti 25ċ;

Iżda wkoll in-nol li għandu jitħallas għal traġitt minn venda sa Tal-Qroqq jew lura għandu jkun 30ċ;

Iżda wkoll għal dik il-parti tat-traġitt li tiġi f'żona kif indikat f'Taqsima 1B ta' Tabella 1 li tinsab f'din l-Iskeda, in-nol li jitħallas għandu jkun 20 ċenteżmu.

TAQSIMA 1Ġ

Biljetti Speċjali

Biljett għal ġurnata waħda	Lm1.50ċ
Biljett għal tlett ijiem	Lm4.00ċ
Biljett għal ħamest ijiem	Lm5.00ċ
Biljett għal sebat ijiem	Lm6.00ċ

APPENDIĊI

Nolijiet bażiċi għal min jivvjaġġa fiż-żoni deskritti fit-Taqsima 1 B

Distanza	*Nolijiet*
Min jivvjaġġa tul ta' *Fare Stage* wieħed, iħallas	15ċ
Min jivvjaġġa f'Żona waħda jħallas	20ċ
Min jivvjaġġa minn Żona A sa Żona Ċentrali Mosta jew lura, iħallas	20ċ
Min jivvjaġġa minn Żona B sa Żona Ċentrali Mosta jew lura, iħallas	20ċ
Min jivvjaġġa minn Żona Ċentrali Mosta sa Żona Ċ jew lura, iħallas	23ċ
Min jivvjaġġa bejn żewġ żoni, jiġifieri minn Żona A sa Żona B jew lura, jew minn Żona B sa Żona Ċ jew lura, iħallas	23ċ
Min jivvjaġġa bejn tliet żoni, jiġifieri minn Żona A sa Żona Ċ jew lura, ħallas	25ċ

Nol tat-tfal ta' l-iskola, studenti u apprendisti

In-nol li jista' jinġabar mingħand tfal ta' l-iskola, studenti u apprendisti li jkollhom permess kif provdut fil-paragrafi 3 u 5 tad-Disposizzjonijiet Ġenerali ta' l-Ewwel Skeda għandu jkun biss ta' 10 ċenteżmi.";

(ħ) flok it-Tabella II għandu jidħol dan li ġej:

"TABELLA II

SERVIZZI F'GĦAWDEX - NOLIJIET GĦALL-KARROZZI TAL-LINJA

Għal kull traġitt fl-istess belt jew raħal	7ċ
Għal kull traġitt bejn bliet u rħula differenti	20ċ
Għal kull traġitt fuq ir-rotot diretti li ġejjin:	35ċ

(a) minn Victoria għad-Dwejra
(b) mid-Dwejra sa Victoria
(ċ) minn Victoria sar-Ramla l-Ħamra
(d) mir-Ramla l-Ħamra sa Victoria

Għal kull traġitt mill-Imġarr sa Victoria bejn l-4 p.m. u s-6 p.m. bejn il-15 ta' Settembru u t-30 ta' Ġunju u bejn is-2 p.m. u l-4 p.m. fil-ġranet l-oħra kollha minn persuni residenti f'Għawdex li jkunu f'pussess ta' dikjarazzjoni meħtieġa maħruġa mill-Ministeru responsabbli għal Għawdex, li dik il-persuna tkun taħdem jew tistudja Malta 15ċ

Għal kull traġitt fil-jiem kollha tal-ġimgħa minbarra l-Ħdud u l-festi pubbliċi għall-passiggieri kollha li jużaw it-Trasport pubbliku bejn il-5.30 a.m. u t-8.00 a.m. kif ukoll għall-ħaddiema tal-Qasam Industrijali tax-Xewkija bejn l-3.45 p.m. u l-4.15 p.m. 13ċ

Tfal bejn l-età ta' 3 snin u 10 snin .....10ċ.".